



Brussell, 21 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7604/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0392(COD)**

**CODEC 692
AGRI 153
WTO 80**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 110/2008 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 114(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-29 ta' Marzu 2017².
3. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 15121/16.

² ĠU C 2019, 30.6.2017, p. 54.

³ 7063/19.

4. Għalhekk, il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova, bid-delegazzjoni Griega tivvota kontra u bl-astensjoni tad-delegazzjoni Ungeriża, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 75/18;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
